***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis 20 ta' Gunju 2019.**

**Rikors Numru: 648/2019/LSO**

**George Camenzuli (KI 0374363M)**

**vs**

**1) Awtorita` ghat-Trasport f' Malta**
**2) Infrastruttura f' Malta**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' George Camenzuli (KI 0374363M) prezentat fl-20 ta' Mejju 2019 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tieghu;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela id-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli:

Illi I-esponenti huwa I-persuna li ghandu I-gabbana gewwa L-lstrand tas-Sliema u ilu hemm ghal dawn I-ahhar tletin (30) sena Ara Dok "A";

Illi fis-sena 2007 inghata I-permess mill-Malta Transport Authority sabiex jipparkja I-vettura tieghu li huwa Kiosk tal-Gelati go kaxxa, Ara DOI "B", mizbugha apposta fil-venda tal-Ferry f' Ta' Sliema;

Illi I-esponenti ukoll inghatalu l-konkos taht il-gabbana;

Illi I-esponenti nghata ukoll I-komumikazzjoni tad-dawl u ilma u jhallas regolarment;

Illi I-esponenenti gie infurmat verbalment minn ufficjal tal-Awtorita` tal-Malta Transport Authority li ghandu jiccaqlaq sa

mhux aktar tard mill-erbatax ta' Gunju 2019 minhabba xi moll li ser jinbena fil-bahar;

Illi l-bankina ser tibqa' kif inhi u mhix ser tintmiss u l-fatt li jzomm il-Kiosk fejn hu mhu ser jippregudika ebda zvilupp ta' moll fil-bahar;

Ghaldaqstant l-esponeti bir-rispett jitlob sabiex l-Awtorita` ma jnehhiex lill-esponenti minn fejn hu jew almenu jiccaqqlaq temporanjament fil-vicin sakemm titlesta din il-moll.

Rat id-digriet tal-20 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-4 ta' Gunju 2019, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta kongunta tal-Agenzija ghall-Infrastruttura Malta u l-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta datata 17 ta' Mejju 2019 a fol 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-Tlieta, 4 ta' Gunju 2019 u dak tal-Hamis 6 ta' Gunju 2019, fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet debitament assistiti. Xehed bil-gurament tieghu George Camenzuli, li prezenta Dok GC1 sa Dok GC4, u liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Il-mandat gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob il-hrug tal-Mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqaf lill-intimati milli jnehhu lir-rikorrent minn fejn hu stazzjonat bil-kiosk tieghu.

L-intimati opponew billi sostnew li m'hemm l-ebda dritt *prima facie stante* li ma ppruvawx dritt rikonoxxut bil-ligi, ghaliex ir-rikorrent ghandu biss permess ta' *hawker* li jipparkja l-vettura u l-ebda dritt ta' *encroachment.* Inoltre`, gie eccepit, li l-progett li r-rikorrent qed jilmenta dwaru, hu progett iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea, li jekk jigi mwaqqaf, se jkun ta' pregudizzju u irrimedjabilita` ghall-intimati u mhux ghar-rikorrent.

## Rizultanzi fattwali:

Illi r-rikorrent George Camenzuli hu persuna li ghandu vettura u ilu jipparkja din il-vettura bhala kiosk biex ibiegh il-gelati fuq sit indakat fir-rikors fix-Xatt tal-Ferries f'Tas-Sliema. Hu kien inghata l-permess jipparkja l-vettura tieghu kif jidher minn Dok B esebit. Ir-rikorrent sostna li gie notifikat verbalment li ghandu jcaqlaq il-vettura uzata bhala kiosk mhux aktar tard mill-14 ta' Gunju 2019 minhabba progett ta' moll li se jinbena f'dak is-sit. In segwitu, ir-rikorrent

ipproceda bit-talba ghall-hrug tal-Mandat biex jipprova jikkawtela d-drittijiet tieghu.

Mhuwiex ikkontestat li skont l-ittra esebita mir-rikorrent mahruga mill-Malta Transport Authority, il-permess ghall-ipparkjar inghata "*minghajr pregudizzju u fuq kundizzjoni li l-ADT izomm id-dritt li iccaqlaq jew tnehhi din il-vettura jekk ikun irid isir xi tibdil strutturali jew ta' infrastruttura fl-stess venda."*

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2]

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre**`" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Ikkonsidrat inoltre, li l-Mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie'**

Illi r-rikorrent qed jittenta jwaqqaf lill-intimati milli jispostaw il-vettura tieghu minn fejn ilha pparkjata ghall-numru kbir ta' snin li juzaha bhala kiosk tal-gelati. In sostenn ghat-talba tieghu, r-rikorrent esebixxa permess ta' *hawker* bhala Dok GC1 u Dok GC2 liema permess huwa validu sa Dicembru 2019.

Madankollu, ir-rikorrent stess ikkonferma fix-xhieda tieghu li hu ma kellux permess ta' *encroachment* u ghalkemm applika ghalih, dan ghadu ma inhargix. Dan gie kkonfermat ukoll minn Clint Axisa, Direttur tal-Infurzar mal-Awtorita` ghar-Trasport f'Malta li xehed li r-rikorrent m'ghandux permess ta' *encroachment* iffirmat mic-Chairman tal-Lands kif rikjest bil-ligi. Il-Perit Alessia Galdes sostniet fix-xhieda taghha li l-kiosk in kwistjoni jinsab ipparkjat ezatt fejn ser isir il-progett u hemm htiega biex jitnehha minhabba ragunijiet ingerenti ghall-kostruzzjoni tal-moll.

Illi l-avukat difensur tal-intimati issottometta fit-trattazzjoni, li r-rikorrent m'ghandu l-ebda *prima facie* jedd, *stante* li l-artikolu 7 tal-Kap 499 jistabbilixxi li hi l-Awtorita` tat-Trasport, li tidderigi fejn isir il-parkegg tal-vetturi bhal dik tar-rikorrent u dan jista' jinbidel minn zmien ghal zmien skont l-ezigenzi. *Di piu`*, gie ritenut fl-istess trattazzjoni, li r-rikorrent kellu permess jipparkja u mhux li jiggestixxi negozju, liema permess huwa marbut mal-licenzja ta' *hawker,* u lanqas hemm indikat fid-dokument esebit mir-rikorrent li ghandu dritt esklussiv sabiex jipparkja l-vettura f'dak is-sit. Inoltre`, dwar il-pregudizzju irrimedjabbli gie sostnut mill-istess avukat difensur tal-intimati, li l-*hawker licence* li ghandu r-rikorrent mhijiex ristretta ghal post ta' Tas-Sliema, u f'kull kaz *hawker* lanqas suppost jieqaf permanentement imma ghandu jerfa' kuljum. Ghalhekk, gie sostnut mill-intimati, li jekk ir-rikorrent jibda jipparkja u jbiegh il-vettura f'sit iehor li mhuwiex dan, m'hemm l-ebda pregudizzju irrimedjabbli li ser isofri r-rikorrent.

Difatti, l-intimati marru oltre` billi kemm fir-risposta u kemm fit-trattazzjoni sostnew, li semmai, il-pregudizzju irremedjabbli jkun tal-intimati, kemm-il darba jigu mwaqqqfa milli jesegwixxu l-progett b'dan il-mandat. Issottomettew li l-progett hu finanzjat minn fondi Ewropej, u jekk il-progett ma jsirx fil-hin stipulat, jistghu jigu inkorsi multi kbar. Dan ma giex kontradett mir-rikorrent.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, din il-Qorti tqis li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova almenu fuq bazi *prima facie*, li ghandu dritt x'jikkawtela.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqis li r-rikorrent ma rnexxilux lanqas jipprova il-pregudizzju irrimedjabbli rikjest bil-ligi ghall-hrug ta' dan il-mandat.

Ghalhekk, l-elementi rikjesti bil-ligi ghall-hrug ta' dan il-Mandat ma jissusistux.

## III. <u>DECIDE.</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, u wara li l-Qorti rat l-atti kollha relattivi, taqta' u tiddeciedi, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-20 ta' Mejju 2019, billi jirrizultalha li ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, tichad it-talba kif dedotta ghall-hrug ta Mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-intimati.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju 2019**